# Qorti Civili
# (Sezzjoni tal-Familja)

## Onor. Imhallef Robert G. Mangion, LL.D.
**Dip.Tax (MIT), P.G.Dip. Mediation (Melit.)**

## Illum 25 ta' Frar 2016

Rikors Guramentat Nru. 171 / 14RGM

Kawza fil-lista: 14

**A B**
**vs**
**L-Avukati Simon Micallef Stafrace u l-Prokuratur Legali Nadine Farrugia li permezz tad-digriet tas-6 ta' Ottubru 2014 gew nominati bhala kuraturi deputati sabiex jirrapprezentaw lill-assenti C B**

**Il-Qorti,**

**Preambolu**

Rat ir-rikors guramentat ipprezentat mill-attrici fil-31 ta' Lulju 2014 li permezz tieghu ppremettiet u talbet is-segwenti:-

1. Illi l-partijiet izzewgu fit-18 ta' Ottubru 1996 fir-Registru Pubbliku, Victoria, Ghawdex;

2. Illi minn dan iz-zwieg il-partijiet ma kellhomx tfal;

3. Illi l-hajja konjugali ta' bejn il-partijiet ma baqghetx aktar possibbli minhabba ragunijiet u htijiet imputabbli lill-intimat, fosthom abbandun, kif ukoll vjolenza psikologika u eccessi, mohqrija, sevizzi u ingurji gravi da parti tal-konvenut versu martu l-attrici;

4. Illi l-partijiet ilhom jghixu de facto separati minn xulxin ghal perjodu ta' sbatax-il sena, ossia ghal perjodu ta' aktar minn erba' [4] snin u ghalhekk

jikkwalifikaw sabiex jitolbu ghad-divorzju ai termini ta' l-Artikoli 66A et seq. tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta;

5. Illi m'hemmx lok ghal rikonciljazzjoni bejn il-partijiet;

6. Illi r-rikorrenti giet awtorizzata sabiex tipprocedi b'din il-kawza ghad-divorzju minn ma' zewgha permezz ta' digriet datat 16 ta' Gunju 2014;

Jghid ghalhekk il-konvenut ghaliex ghar-ragunijiet fuq premessi din l-Onorabbli Qorti m'ghandhiex prevja kwalsiasi dikjarazzjoni jew provvedimenti necessarji u opportuni;

1. Tippronunzja l-hall taz-zwieg ta' bejn il-partijiet permezz tad-divorzju ai termini ta' 1-Artikoli 66A et seq. tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta u dana unikament minhabba ragunijiet u htijiet imputabbli lill-konvenut u li jinkludu abbandun, kif ukoll vjolenza psikologika, eccessi, mohqrija, sevizzi u ingurji gravi da parti tal-konvenut versu martu 1-attrici;

2. Tapplika in toto jew in parte kontra l-konvenut l-effetti tad-disposizzjonijiet ta' l-Artikoli 48,51 u 53 tal-Kodici Civili, Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta;

3. Tiddikjara xjolta l-komunjoni ta' l-akkwisti bejn il-partijiet u tillikwida l-istess b'mod illi jigu stabbiliti porzjonijiet in divizjoni u assenjati lill-partijiet u billi tigi ukoll stabbilita data li minnha l-konvenut jitqies li ddekada minn kull akkwist maghmul bix-xoghol u bil-hila ta' l-attrici occorrendo bl-opera ta' periti nominandi biex jivvalutaw il-propjeta' tal-partijiet, u billi jigi nominat Nutar sabiex jircievi l-att relattiv u kuraturi sabiex jirrapprezentaw lill-konvenut fl-eventwali kontumacja fuq l-istess att;

4. Tordna lir-Registratur tal-Qrati sabiex, fiz-zmien imholli ghal daqshekk mill-istess Qorti, javza lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bil-hall taz-zwieg tal-partijiet biex dan jigi registrat fir-Registru Pubbliku;

Bl-ispejjez kollha kontra l-konvenut illi huwa minn issa ngunt in subizzjoni .

Rat l-affidavit tal-attrici u ta’ huwha Joseph Casha.[1]

Rat in-nota guramentata tal-attrici.[2]

[1] Fol. 31 u Fol. 35
[2] Fol. 42

Rat ir-risposta guramentata tal-kuraturi deputati li permezz taghha ddikjaraw li ma humiex edotti mill-fatti.

Rat ix-xhieda moghtija mir-rapprezentanti tal-banek Banif Bank, Bank of Valletta plc, HSBC Bank Malta plc, APS Bank Ltd., Lombard Bank plc, kif ukoll rapprezentant tal-Borza ta' Malta, u ta' Transport Malta.

Rat in-nota tal-attrici tal-20 ta' Ottubru 2015 li permezz taghha pprezentat kopja tar-ricerki mir-Registru Pubbliku tal-partijiet.

Rat li l-kawza thalliet ghallum ghas-sentenza.

Ikkonsidrat;

**Provi**.

L-attrici A B xehdet bil-mezz tal-affidavit. Hija spjegat qabel ma l-partijiet izzewgu huma spiss kien ikollhom xi jghidu, jinfirdu imbaghad jergghu lura flimkien. Fis-sena 1996 izzewgu fir-Registru Pubbliku ta' Ghawdex Spjegat kif il-konvenut kellu problema ta' konsum eccessiv ta' alcohol u ma kienx kapaci jaghmel xoghol produttiv ghal tul ta' zmien. Tirrakkonta diversi episodji fejn il-konvenut kien fizikament vjolenti maghha u li hi ma marritx tirrapporta lill-Pulizija ghaliex kienet tibza. Taghmel dan. Issemmi okkazzjoni fejn habib tal-familja kien sab impjieg lill-konvenut gewwa amusement park izda meta l-konvenut irceva l-ewwel paga ma marx lura d-dar wara x-xoghol u baqa' hiereg jixrob sakemm gie lura d-dar fl-erbgha ta' filghodu (4.00 am) fis-sakra. Il-gimgha ta' wara omm l-attrici skopriet li l-konvenut kien qed jiehu affarijiet mid-dar u jaghtihom bhala rahan ghal ftit flus li kienu jaghtuh. Fis-7 ta' Ottubru 1997 il-konvenut abbanduna d-dar matrimonjali qabad ajruplan u mar lura lejn art twelidu l-Germanja. L-ahhar li semghat lehnu kien fil-31 ta' Dicembru 1997 meta cemplilha u kien jinstema li kien fis-sakra. Qaltlu sabiex icempel meta jkun sobriju izda sallum baqa' qatt ma rega ghamel kuntatt maghha. Ikkonfermat li minn dan iz-zwieg ma kienx hemm ulied. Illum hija ghandha relazzjoni stabbli ma' persuna ohra u hija finanzjarment stabbli.

Xehed ukoll Joseph Casha, hu l-attrici, li essenzjalment ikkonferma t-testimonjanza ta' l-attrici specjalment dwar il-vizzju ta' konsum gholi ta' xorb kif ukoll dwar l-atti ta' vjolenza li l-konvenut ikkommetta fuq l-attrici. Ikkonferma kif il-konvenut abbanduna lill-attrici u ma regax irritorna.

**Konsiderazzjoniijiet**.

Jirrizulta illi matul iz-zwieg il-konvenut assenti kien mahkum mill-konsum eccessiv ta' alcohol. Mhux l-ewwel darba li refa' idejh fuq l-attrici. Finalment spicca sabiex sbatax-il sena ilu abbanduna lill-attrici, telaq mid-dar matrimonjali u ma regax irritorna.

L-**artikolu 41 tal-Kapitolu 16** tal-Ligijiet ta' Malta jipprovdu dwar il-konsegwenzi legali ta'abbandun fiz-zwieg.

**"41.** Kull waħda mill-partijiet miżżewġa tista' wkoll titlob il-firda jekk, għal sentejn jew iżjed, tkun abbandunata mill-oħra, mingħajr raġuni tajba."

Dwar il-konsegwenzi legali kontra min ikun hati ghat-tkissir taz-zwieg il-Kodici Civili jipprovdi s-segwenti:-

**"48.** (1) Il-parti, ir-raġel jew il-mara, illi tkun il-ħtija tal-firda għal waħda mir-raġunijiet imsemmijin fl-artikoli 38 u 41 titlef –

(*a*) il-jeddijiet imsemmijin fl-artikoli 631, 633, 825, 826 u 827;

(*b*) dak kollu li tkun kisbet mill-parti l-oħra b'donazzjoni bi ħsieb taż-żwieġ, jew waqt iż-żwieġ, jew taħt titolu ieħor gratuwitu;

(*ċ*) kull jedd ta' parti miż-żwieġ għan-nofs tal-akkwisti illi jkunu saru l-aktar bil-ħidma tal-parti l-oħra wara data stabbilita mill-qorti bħala d-data meta l-parti għandha tkun kunsidrata li minnha tkun ħatja tal-firda. Għal-lfinijiet ta' dan il-paragrafu biex jiġi determinat jekk akkwist ikunx sar l-aktar bil-ħidma ta' waħda mil-lpartijiet fiż-żwieġ, għandhom jitqiesu l-kontributi b'kull mod taż-żewġ partijiet skont l-artikolu 3;

(*d*) il-jedd li iġġiegħel lill-parti l-oħra, f'kull każ, li tagħtiha l-manteniment bis-saħħa tal-obbligu li jitnissel miż-żwieġ.

(2) Il-ħwejjeġ imsemmijin fis-subartikolu (1)(*b*) jerġgħu jmorru għand il-parti l-oħra, u l-akkwisti msemmijin fil-paragrafu (*ċ*) ta' dak is-subartikolu jibqgħu kollha għal din il-parti, bla ħsara tal-jeddijiet li l-ulied jew terzi persuni oħra jkunu kisbu fuq dawk istess ħwejjeġ qabel ma s-seħntenza tal-firda tkun ġiet imniżżla fir- Reġistru Pubbliku."

Fir-rigward tal-htija ghat-tkissir taz-zwieg il-Qorti tikkonkludi illi ghat-tkissir taz-zwieg kien jahti unikament il-konvenut C B minhabba abbandun.

Dwar it-talba ghad-divorzju ssir referenza ghall-**Artikolu 66B tal-Kap. 16** li jipprovdi illi:-

“Bla ħsara għad-dispożizzjonijiet li ġejjin ta’ dan l-artikolu, id-divorzju ma jistax jingħata ħlief b’talba ta’ żewġ persuni miżżewġa flimkien jew ta’ waħda minnhom kontra l-oħra, u sakemm il-qorti tkun sodisfatta li: (a) fid-data li jibdew il-proċeduri ta’ divorzju, il-miżżewġin ikunu għexu mhux flimkien għal perjodu ta’, jew perjodi li jammontaw għal, mill-inqas erba’ snin matul il-ħames snin minnufih preċedenti, jew ikunu għaddew mill-inqas erba’ snin mid-data tasseparazzjoni legali; u (b) ma hemm l-ebda prospett raġonevoli għal rikonċiljazzjoni bejn il-miżżewġin; u (ċ) il-miżżewġin u kull wild tagħhom qed jirċievu manteniment adegwat, fejn hu dovut, skont iċ- ċirkostanzi partikolari tagħhom, kif hemm maħsub fl-artikolu 57: Iżda l-miżżewġin jistgħu f’kull żmien jirrinunzjaw għaddritt tagħhom ta’ manteniment: Iżda wkoll għall-fini ta’ dan il-paragrafu, l-manteniment ordnat mill-qorti b’sentenza ta’ separazzjoni jew miftiehem bejn ilmiżżewġin f’kuntratt ta’ separazzjoni għandu jiġi meqjus bħala manteniment adegwat: Iżda wkoll id-divorzju ppronunzjat bejn persuni miżżewġin li kienu separati b’kuntratt jew b’sentenza ma jġib ebda bidla f’dak ordnat jew miftiehem bejniethom, ħlief għall-effetti tad-divorzju li joħorġu mil-liġi.”

**Artikolu 66Ċ**. “Wara li l-qorti tkun qieset illi dak mitlub mid-dispożizzjonijiet tal-artikolu 66B ikun sodisfatt, il-qorti għandha tisma’ u tiddeċiedi dawk it-talbiet imressqa mill-partijiet kif maħsub f’dan is-Sub-Titolu u tgħaddi biex tippronunzja d-divorzju bejn il-partijiet. “

Mill-atti jirrizulta illi r-rekwiziti stipulati fl-Artikolu 66B fuq citat ghall-akkoljiment tat-talba ghall-hall taz-zwieg huma kollha sodisfatti.

Il-Qorti qed tikkonkludi illi l-abbandun kommess mill-konvenut jimmerita li jigi sanzjonat bl-applikazzjoni tal-artikolu 48 tal-Kap. 16

Fir-rigward il-komunjoni tal-akkwisti din naturalment ser tigi xolta. Assi appartenenti tali komunjoni ma rrizultawx. Dan stqarritu l-attrici sew fin-nota guramentata taghha kif ukoll fl-affidavit taghha. Isegwi ghalhekk illi ma hemmx assi x’jigu likwidati u divizi.

**Decide**.

Ghal dawn il-motivi l-Qorti qed taqta’ u tiddeciedi din il-kawza billi prevja li tiddisponi mir-risposta guramentata tal-kuraturi deputati,

1. Tilqa’ l-ewwel talba u tippronunzja l-hall taz-zwieg ta’ bejn il-partijiet u dan ghal ragunijiet unikament imputabbli lill-konvenut C B minhabba abbandun ai termini tal-Artikolu 41 tal-Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta’ Malta.

2. Tilqa' t-tieni talba u tapplika kontra l-konvenut B d-disposizzjonijiet in toto ta' l-Artikoli 48, 51 u 53 tal-Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta' Malta.

3. Tilqa' t-tielet talba, ixxolji l-komunjoni tal-akkwisti ta' bejn il-partijiet u tiddikjara illi ma rrizultaw l-ebda assi appartenenti l-komunjoni tal-akkwisti ta' bejn il-partijiet.

4. Tilqa' r-raba talba.

Bl-ispejjez kontra l-konvenut b'dan illi l-ispejjez tal-kuraturi deputati ghall-assenti ghandhom jithallsu provvizorjament mill-attrici.

**Imhallef** **Deputat Registratur**